

# ĦIDMA 2015

## MIRIAM DALLI

*Membru Parlamentari Ewropew*

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

Partit Laburista





## TNIĠĠIŻ U KLIMA

Miriam Dalli hija  waħda min-negozjaturi dwar liġi li għandha tikkontrolla l-livell ta' tniġġiż li l-karozzi jipproduċu. Għamlet pressjoni qawwija biex issir investigazzjoni serja dwar l-iskandlu ta' frodi tal-karozzi VW. Kienet parti mill-proposta għall-kumitat ta' inkjesta u sostniet mal-Kummissjoni biex il-klijenti u l-ħaddiema jkunu protetti. Irrappreżentat il-Parlament Ewropew fis-Summit globali dwar it-Tibdil fil-Klima COP21 u ħadet sehem f'għadd ta' inizjattivi f'Malta u barra dwar is-suġġett. Fl-ewwel xhur tas-sena Miriam mexxiet in-negozjati f'isem il-Kumitat tal-Ambjent biex il-proġetti li jintgħażlu bħala parti mill-Pjan Juncker ikunu proġetti ambjentalment sostenibbli.

## SIGURTÀ

Dwar is-sigurtà u t-terroriżmu Miriam ma tkellmitx biss wara l-attakki ta' Charlie Hebdo u wara l-attakki f'Pariġi imma baqgħet iżżomm il-pressjoni fuq dan is-suġġett matul is-sena kollha. Għamlitha ċara mad-Direttur Ewropew kontra t-Terroriżmu li dak li qed isir sa issa mhux biżżejjed. Kemm-il darba appellat biex il-pajjiżi membri jaqsmu l-informazzjoni għaliex it-theddida tinsab fuq l-Ewropa kollha. Appellat għall-miżuri kemm preventivi u reattivi li jħarsu s-sigurtà interna u esterna tal-Unjoni Ewropea billi jkunu involuti pajjiżi terzi. Qiegħda tinsisti dwar azzjoni tanġibbli bħad-dħul tal-EU PNR fejn ir-records ta' dawk li jkunu qegħdin jivvjaġġaw bl-ajru lejn u fl-Ewropa jinżammu u l-movimenti ta' persuni suspettużi jkunu magħrufa aħjar.



Group of the Progressive Alliance of
**Socialists & Democrats**
in the European Parliament



## IMMIGRAZZJONI

Miriam Dalli hija n-negozjatur tas-Soċjalisti u Demokratiċi fuq leġiżlazzjoni li għandha twassal għal mekkaniżmu permanenti ta' rilokazzjoni bħala parti mir-regolament ta' Dublin. L-għan ewlieni ta' Miriam huwa li titneħħa d-diskriminazzjoni li bħalissa teżisti fuq il-pajjiżi tal-fruntiera bħal Malta. Indirizzat numru ta' konferenzi internazzjonali fi Brussel fejn wasslet ir-realtà Maltija u l-ħtieġa ta' soluzzjoni Ewropea. L-istess għamlet permezz ta' intervisti ma' BBC u BBC World, CNBC, AlJazeera u EuroNews. Hija kienet wkoll waħda mill-ewwel MEPs li fil-Parlament ġibdet l-attenzjoni għal dak li kien qiegħed jiżviluppa fil-Libja.

## SAĦĦA MENTALI

Miriam Dalli ntgħażlet bħala ċ-Chairperson tal-koalizzjoni Ewropea favur is-saħħa mentali u mir-Richmond Foundation bħala ambaxxatur dwar is-saħħa mentali. Miriam trid li titneħħa l-istigma fil-konfront ta' persuni milquta minn problemi ta' saħħa mentali u favur aktar ċentri ta' residenza fil-komunitajiet.

## IMPRENDITORJAT U XOGĦOL

Miriam ingħaqdet ma' AEGEE-Valletta u l-Kamra tal-Kummerċ biex jitfassal dokument politiku dwar l-Intrapriża żgħażugħa f'Malta u l-Ewropa. Fost il-proposti kien hemm dawk marbuta mal-aċċess għall-finanzjament, il-ħolqien ta' kultura imprenditorjali u trattament iktar addattat meta kumpanija tkun ser tfalli. Uħud minn dawn il-proposti kienu inklużi fil-Baġit 2016. Miriam se tkompli bil-ħidma favur edukazzjoni imprenditorjali sa minn età żgħira. Organizzat laqgħa għall-SMEs Maltin bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarju Elżbieta Bieńkowska.

## AWTIŻMU

Matul l-2015 Miriam impenjat ruħha li tagħti viżibilità ikbar lill-problemi li jiltaqgħu magħhom dawk li għandhom il-kundizzjoni tal-Awtiżmu. Ingħaqdet ma' MEPs oħra biex il-Parlament Ewropew japprova dikjarazzjoni favur strateġija Ewropea dwar l-Awtizmu. Miriam hija mpenjata tkompli b'din il-ħidma sew f'Malta u ankè fi Brussel.

# S'ISSA

**Miriam Dalli temmet il-ħidma tagħha fuq 6 rapporti dwar:**

- It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi
- Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi
- Il-Blue Economy
- L-Istrateġija Ewropea dwar is-sigurtà tal-Enerġija
- Ir-rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar il-FRONTEX
- Miżuri kontra l-burokrazija permezz ta' sistemi diġitali.

**Bħalissa qiegħda taħdem fuq 3 rapporti:**

- It-twaqqif ta' mekkaniżmu permanenti għar-rilokazzjoni tal-immigranti
- Il-ġlieda kontra l-abbuż u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal
- Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea.

**23**

**INTERVISTA** MA' MEDIA INTERNAZZJONALI.

**99%**

**PARTEĊIPAZZJONI FIL-VOTI** U ATTENDIET GĦAL KULL SESSJONI PLENARJA.

**9**

**DIKJARAZZJONIJIET PARLAMENTARI** FOSTHOM DWAR IL-BULLYING TAT-TFAL, IS-SAĦĦA TAT-TRABI, L-AWTIŻMU U PERSUNI B'DIŻABILITÀ.

**90**

**MISTOQSIJA PARLAMENTARI** FOSTHOM DWAR, R-RIKONOXXIMENT TAS-SESSWALITÀ TAL-PERSUNA, IT-TERRORIŻMU U S-SIGURTÀ, IMPJIEGI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ, L-INSTABBILITÀ POLITIKA FIL-LIBJA, IL-KONSUM TAL-ALKOĦOL FL-EWROPA, L-UŻU TA' ANNIMALI SELVAĠĠI FIĊ-ĊIRKU, TIBDIL FIL-KLIMA, *NGO FUNDING*, U *MOBILE ROAMING FEES.*

**500**

**DISKORS** U DIKJARAZZJONI TAL-VOT.

**221**

**LAQGĦA FI BRUSSELL** B'111 LAQGĦA F'MALTA MA' ORGANIZAZZJONI-JIET U GĦAQDIET NAZZJONALI U 110 LAQGĦA M'GĦAQDIET INTERNAZZJONALI FI BRUSSELL.

**30**

**-IL KONFERENZA INTERNAZZJONALI INDIRIZZATA** dwar FIRXA WIESGĦA TA' SUĠĠETTI, MILL-MIKROINTRAPRIŻI, GĦALL-AWTIŻMU, MILL-EMISSJONIJIET FL-ARJA GĦALL-IMMIGRAZZJONI U DRITTIJIET GĦAL PERSUNI TRANS U INTERSEX.

Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament



"Fix-xogħol li nagħmel inżomm f'moħħi kif nista' nagħmel differenza fil-ħajja tan-nies. Mill-kwalità tal-arja, l-immigrazzjoni, is-sitwazzjoni tal-familji, it-tfal, partikolarment dawk li għandhom xi kundizzjoni, kif nistgħu noffru futur aħjar liż-żgħażagħ u kif nistgħu ngħinu lill-anzjani b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli."

**MIRIAM DALLI**

S&D

Group of the Progressive Alliance of
**Socialists & Democrats**
in the European Parliament

## MIRIAM DALLI IS A MEMBER OF:

- Committee on the Environment, Public Health and Food Safety;
- Committee for Civil Liberties, Justice and Home Affairs;
- Committee on Industry, Research and Energy;
- Committee on Petitions;
- Delegation for relations with the Maghreb countries and the Arab Maghreb Union;
- Delegation to the EU-Armenia, EU-Azerbaijan and EU-Georgia Parliamentary Cooperation Committees.

## MIRIAM IS WORKING ON THE FOLLOWING REPORTS:

- Permanent relocation mechanism;
- European Ombudsman Report on FRONTEX;
- Fight Against Trafficking in Human Beings in the EU's External Relations;
- Reduction of pollutant emissions from Road Vehicles;
- The European Fund for Strategic Investments;
- EU Energy Security Strategy;
- Blue Economy;
- Combating the sexual abuse and sexual exploitation of children;
- Interoperability solutions for Europe public administrations, businesses and citizens.

So far Miriam participated in 99% of the votes, asked 90 parliamentary questions and was involved in more than 221 meetings with Maltese and Brussels based organizations and institutions. She was also a keynote speaker at 30 international conferences focusing on varying issues.

For an english version of this leaflet kindly log on: **www.miriamdalli.com**

**You can send your feedback on:**

T 00356 2146 3241
E miriam@miriamdalli.com
www.facebook.com/drmiriamdalli
www.twitter.com/miriamdalli

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament